MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 5/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**
**Vs**

**Roderick Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer gewwa Naxxar Trade Fair Grounds, fil-12 ta' Dicembru 2003 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1) iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh

jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ wallets allegatament tad-ditta Manchester United;
2) fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Jannar, 2006, li biha wara li rat l-Artikoli 18, 298(1)(a)(b)(c)(f) u l-artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija w mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) multa, w ordnat li l-piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija w ordnat il-konfiska w id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok. KM7.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Jannar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell limitatament ghall-piena nflitta w tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern u tikkonfermaha fil-bqija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar, 2006, li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet preliminarjament in-nullita’ tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li ma saritx t-talba**

**ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza mall-ghoti tas-sentenza w din saret biss zmien wara w ghalhekk kien hemm l-akkwiexxenza skond il-gurisprudenza.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li ntalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, dak il-hin li nghatat is-sentenza. Di fatti, wara li l-appellant ammetta l-akkuzi kontra tieghu w wara li nghata z-zmien biex jerga' jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu w wara li gie spjegat lilu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, hu kien baqa' jsostni li ried iwiegeb li kien hati. Il-Qorti mbaghad ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza appellata, wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena. l-appellant - li jidher li kien ukoll assistit mill-Avukat Dr. Edward Debono - ma hassx il-htiega li jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza dak il-hin. Jidher li l-appellant kellu ripensament proprju lejliet l-ahhar gurnata utili biex jintavola appell u, wara disghat ijiem, inkarika avukat – differenti minn dak li kien assistieh quddiem l-Ewwel Qorti – biex jappellalu. Dan ovvjament intebah li ma kienetx saret talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w minnufieh ipprezenta rikors fejn talab lli jkun hemm tali sospensjoni. Din it-talba ntlaqaghet bid-Digriet tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Jannar, 2006. Giet iffirmata l-garanzija mposta w gie umbaghad intavolat u pprezentat ir-rikors tal-appell odjern.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Mario Mifsud" **[5.5.1994] :-**

***"Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita' u irritwalita' tal-appell minhabba il-mankanza tat-talba ghas-***

***sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali , jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza, liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta' li wiehed jappella (ara*** *Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech****, App. Krim. 28.1.94*** *;* *Il-Pulizija vs. Frangisk Borg****,18.1.41; Vol. XXXIII.iv.391 u*** *l-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi.")*

**u aktar 'l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-**

***"wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa , illi kif appena tinghata sentenza , hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x'imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament."***

**L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Karl Gialanze**" [17.5.94.], "**Il-Pulizija vs. Francis Micallef" **[5.7.94] , "**Il-Pulizija vs. Francis Scicluna**" [20.1.95] ,** "l-Pulizija vs. Carmel Attard" **[30.6.95] u hafna sentenzi ohrajn.**

**Illi l-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali jghid testwalment li :-**

**"*Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 28A* (li jirrigwardaw sentenzi ta' prgunerija sospizi )**
***u d-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-hlas ta' pieni ta' flus, KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA."* (Emfasi ta' din il-Qorti)**

**L-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici jghid testwalment li :-**

***"persuna misjuba hatja ...tista' , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla mill-qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ...."***

**Din il-Qorti kif preseduta u anki diversament preseduta ripetutament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista' tigi milqugha , jehtieg li tigi maghmula immedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b'dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat . (Ara Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Victor Vella**" [6.1.2003],** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Sammut" **[30.1.2003],** "Il-Pulizija vs. Anthony Cauchi" **[3.3.2003],** "Il-Pulizija vs. Anthony Micallef" **[18.3.2004],** "Il-Pulizija vs. Jesmar Joe Abela" **[28.10.2004],** "Il-Pulizija vs.Consiglio Baldacchino**"[26.5.2005**], "Il-Pulizija vs. Raymond Abela" **[9.6.2005],** "Il-Pulizija vs. Federico Vella" **[22.9.2005],** "Il-Pulizija vs. Stephen Desira" **[29.9.2005] ,** "Il-Pulizija vs. Jonathan Joseph Briffa" **[20.10.2005] u ohrajn.)**

**Issa hu minnu li l-gurisprudenza arginat l-effetti ta' tali nuqqas f' certi kazijiet w irrikonoxxiet certi eccezzjonijiet ghal din ir-regola bhal, per ezempju, meta l-kundanna tkun wahda biss ta' ammonizzjoni w reprensjoni (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Andrea Stellato" **[ 19.1.1995]) jew meta l-Qorti tkun sodisfatta li t-talba ghas-sospensjoni tkun effettivament giet mitluba izda ma tkunx giet debitament registrata fl-atti tal-kawza minhabba xi zball ta' l-Ewwel Qorti jew ta' xi ufficjal ta' dik il-Qorti (ara App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Francis Scicluna" **[20.1.1995]) jew meta l-piena tkun wahda ta' prigunerija sospiza (ara App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Mario Mifsud" **[5.5.1994]) jew meta l-appellant kien gie liberat skond l-art. 9 tal-Kap. 152 . (ara App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**"[ 7.10.1994]). <u>F' kaz pero' meta jkun hemm piena ta' multa w jew konfiska tal-oggetti, din tkun applikabbli w ezegwibbli minnufieh </u>(ara.App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel Attard" **[30.6.1995] per V. De Gaetano J.). Anzi,f' din l-ahhar sentenza intqal testwalment li l-fatt li *"l-appellant kien ghadu ma hallas xejn .....ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-inappellabilita' tas-sentenza ossia l-irritwalita' tar-rikors ta' appell, peress***

***li kif inhu maghruf, anki meta ma jinghatax zmien ghal,l-hlas, il-burokrazija tal-amministrazzjoni tal-Qorti tiehu granet, gimghat u xi kulltant xhur biex il-multi jingabru."***

**Illi pero' l-abbli difensur ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti preseduta mil-istess gudikant appena citat fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Andre' Sant" **[14.8.2003], fejn kien gie ritenut testwalment hekk :-**

***"Il-kwistjoni li trid tiddetermina din il-Qorti hi jekk tali talba ghandhiex bilfors issir immedjetament wara l-pronunzjament tas-sentenza jew jekk tistax issir f' xi zmien wara. Jibda biex jinghid li l-Artikolu 416, a differenza ta' l-Artikolu 499(3) tal-Kodici Kriminali, ma jirrikjedix espressament li l-avviz ta' appell ghandu jinghata "minnufieh wara li tigi moghtija d-decizjoni tal-Qorti". Jidher li kienu biss certi sentenzi, fosthom dawk citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, li ezigew li t-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghandha ssir minnufieh wara l-pronunzjament tas-sentenza da parti tal-Qorti tal-Magistrati. L-argument favur tali tezi hu bazikament, illi galadarba ma jkunx hemm tali talba, allura s-sentenza ghandha - salv dak li jinghad fl-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali - tigi ezegwita minnufieh. Mill-banda l-ohra ma hemm xejn fil-ligi li espressament jimpedixxi li sentenza, li ma tkunx giet esegwita jew ezegwita kollha kemm hi <u>entro t-tmint ijiem jew it-tnax il-jum ta' xoghol skond il-kaz,</u> tigi sospiza l-ezekuzzjoni taghha . Dak li l-ligi, kif riflessa anki fil-gurisprudenza, ma tridx, hu li jkun hemm akkwiexxenza f' dik is-sentenza da parti tal-hati, li wara jipprova jappella minnha. Tali akkwiexxenza tirrizulta meta (1) jew il-hati jaghmel, fiz-zmien stabbilit ghall-appell jew anki wara li jkun ipprezenta r-rikors tal-appell, xi haga li turi li qed joqghod ghal dik is-sentenza (bhal per ezempju, ihallas il-multa jew ammenda, jew anki semplicement jitlob zmien ghall-hlas rateali – ara*** *Il-Pulizija v. Carmel Attard* ***30/6/95 jew (2) meta l-hati, entro zmien stabbilit ghall-prezentata tar-rikors tal-appell, jonqos milli jitlob is-sospensjoni***

***tal-esekuzzjoni tas-sentenza. Huwa f' dan is-sens li l-gurisprudenza ipparifikat, bhala massima generali, in-nuqqas ta' talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 ma l-akkwiexxenza (ara inter alia*** *Il-pulizija v. Francis Scicluna* ***20/1/95), u cioe' meta l-hati, minghajr ma jitlob is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, jghaddi biex jipprezenta r-rikors ta' appell. S'intendi tista' tokkorri sitwazzjoni fejn is-sentenza (ezempju ta' gurnata jew jumejn detenzjoni) tigi ezegwita kollha qabel ma l-hati jkun ghamel it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' tali sentenza entro t-tmint ijiem jew it-tnax il-jum ta' xoghol fuq imsemmija. F' dak il-kaz, galadarba s-sentenza tkun giet kollha kemm hi ezegwita, ma tistax tintalab is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni taghha u, ghalhekk, anqas jista' jsir appell minnha. Fil-kaz odjern, is-sentenza ta' multa……kienet ghadha ma gietx ezegwita – la rrizulta li kienet thallset mill-appellant u anqas jirrizulta li kienet giet konvertita fi, u skontata bhala prigunerija. It-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza saret entro z-zmien stabbilit ghall-prezentata tar-rikors .Konsegwentement din il-Qorti qed tirrespingi l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali dwar l-irritwalita' u n-nullita' tar-rikors tal-appell."***

**Illi din il-Qorti tara li fis-sentenza appena citata l-Qorti kompliet tizviluppa l-koncett inqas rigidu li kienet gja introduciet fis-sentenza l-ohra citata supra. Pero' din il-Qorti, kif preseduta, bir-rispett, ghandha r-rizervi taghha dwar din l-ahhar sentenza. Fl-ewwel lok ma tarax li jreggi wisq l-argument "*a contrario sensu*" mislut mid-distinzjoni bejn l-Artikolu 499 (3) tal-Kodici Kriminali w l-Artikolu 416 , ghax l-Artikolu 499 (3) gie introdott biss fil-1967 meta gew introdotti ghall-ewwel darba l-appelli minn decizjonijiet tal-Qorti Kriminali w kien intiz biex jirregola c-cirkostanzi ghal kollox differenti minn dawk kontemplati fl-artikolu 416 u specifikatament il-kaz ta' appelli minn decizjonijiet dwar eccezzjonijiet preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali. Din il-Qorti lanqas taqbel li jista' jkollok appell meta ghalkemm is-sentenza ma tkunx giet**

**ezegwita kollha, tkun in effetti diga giet ezegwita in parte, kif kienet irriteniet li tigi hekk esegwita l-istess Qorti kif preseduta kemm fil-kawza ta'** Carmel Attard **kif ukoll fil-kawza ta'** Andre' Sant **appena citati. Fil-fehma ta' din il-Qorti kif preseduta, dan jista' johloq anomaliji kbar u problemi serji hafna fl-amministrazzjoni tal-gustizzja.**

**Issa f' din il-kawza, apparti li kien hemm kundanna ghall-terminu karcerarju ta' sentejn sospiz ghal tlitt snin, - fejn skond il-gurisprudenza fuq citata ma kienx hemm il-htiega li tintalab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ghax dan ikun gja gie effettivament ordnat mill-Qorti li emanat is-sentenza ta' prigunerija sospiza, hemm ukoll kundanna ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) u l-ordni tal-konfiska tal-oggetti esebiti w ghalhekk, skond il-gurisprudenza citata fil-kaz ta'** Carmel Attard**, s-sentenza ssir esegwibbli minnufieh fl-assenza ta' talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni taghha.**

**Illi anki kieku kellu jigi argumentat li ladarba il-multa ma lahqetx thallset jew giet konvertita u skontata f' habs , kien ghad ma hemmx l-akkwiexxenza, fil-kaz tal-**konfiska **l-ordni giet esegwita minnufieh mas-sentenza.**

**Issa fil-fehma ta' din il-Qorti hu inkoncepibbli guridikament li sentenza tkun giet esegwita in parte awtomatikament u f'parti ohra le ghax f' parti hemm l-akkwiexxenza prezunta u f'ohra ma hemmx u dan jista' jaghti lok ghall-hafna problemi intralcjabbli, problemi li pero' jistghu jigu kollha evitati bit-talba tempestiva ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza kif rikjest mill-gurisprudenza precedenti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi f' dan il-kaz it-talba ghas-sospensjoni saret, imma saret tardivament. Fil-kaz** "Il-Pulizija vs. Victor Vella" **[6.1.2003] fuq citat, din il-Qorti ccitat b' approvazzjoni sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta li dahlu**

**fil-kwistjoni ta' meta ma tkunx intalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza immedjetament, kif gara f'dan il-kaz, u meta din tintalab wara xi granet, izda entro t-terminu tal-appell. F' kaz minnhom li gie hemm citat l-intervall kien ta' sitt ijiem mentri f' dan il-kaz hu ta' disghat (9) ijiem.**

**Gie effettivament ritenut li t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula sitt ijiem wara s-sentenza ma setghetx tigi akkolta bil-ligi, ghax sadattant is-sentenza suppost li kienet gja giet esegwita w li meta l-Ewwel Qorti kienet laqghet it-talba maghmula tardivament ma kienetx kompetenti li tilqaghha w ziedet tghid :-**

*"Di fatti wara li s-sentenza tkun giet in esekuzzjoni, il-Qorti ma jkollha ebda setgha fuq dik l-esekuzzjoni, hlief li tiddisponi dwar il-mod tal-hlas tal-pieni pekunjarji. Ghalhekk l-akkoljiment mill-Ewwel Qorti tat-talba ta' l-appellant ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza appellata , kien null u bla effett fil-ligi . Bhala konsegwenza l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza ma setghetx tigi sospiza , b'mod allura li l-appellant ma setax jappella."*

**Illi din il-Qorti, kif preseduta, taqbel perfettament ma dan l-ahhar ragunament u tirritjeni li bil-fatt li l-appellant odjern, ma deherlux li kellu jiddikjara li jrid jappella, immedjetament wara li nghatat is-sentenza, l-appellant kien akkwijexxa ghas-sentenza w ghalhekk kien inghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-sentenza mill-appellant.**

**Ghal dawn l-motivi w fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika w gurisprudenza fuq citata, din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritu w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------